IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 20.10.2009
COM(2009) 561 finali

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW, LILL-QORTI EWROPEA TAL-ĠUSTIZZJA U LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

Qafas tal-UE għall-Immaniġġjar Transkonfinali tal-Kriżijiet fis-Settur Bankarju

{SEC(2009) 1389}
{SEC(2009) 1390}
{SEC(2009) 1407}

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW, LILL-QORTI EWROPEA TAL-ĠUSTIZZJA U LILL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

Qafas tal-UE għall-Immaniġġjar Transkonfinali tal-Kriżijiet fis-Settur Bankarju

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

1. INTRODUZZJONI

Il-kriżi reċenti esponiet in-nuqqas ta' mmaniġġjar effikaċi tal-kriżijiet fl-istituzzjonijiet finanzjarji transkonfinali. Fir-rebbiegħa 2008, l-Istati Membri qablu li jieħdu l-azzjoni neċessarja sabiex jirrikapitallizzaw u jiggarantixxu l-banek, u din l-azzjoni bla preċedent kienet ikkoordinata fil-livell Ewropew abbażi *ad-hoc*. Il-miżuri kienu neċessarji fil-kundizzjonijiet eċċezzjonali li ħakmu s-sistema finanzjarja.

L-approċċi nazzjonali kienu differenti, iżda b'mod ġenerali l-awtoritajiet jew użaw flus pubbliċi biex jifdu l-banek, jew iċċirkuskrivew l-assi ta' bank fit-territorju tagħhom u applikaw għodod nazzjonali ta' risoluzzjoni fil-livell ta' kull entità minflok fil-livell tal-grupp transkonfinali. Dan żied ir-riskji li tonqos il-kunfidenza, tat-tagħwiġ kompetittiv, tal-kosts għolja għall-fidwa li ġarrew il-kontribwenti[1] u l-inċertezza legali. Il-ġrajjiet li seħħew madwar il-fallimenti tal-Fortis, il-Lehman u l-banek Iżlandiżi fil-kriżi finanzjarja reċenti wrew kemm jista' jkun ta' ħsara n-nuqqas ta' qafas adegwat tar-risoluzzjoni għall-istabbiltà finanzjarja tas-sistema bankarja sħiħa tal-UE.

Jeżisti rikonoxximent wiesa' li l-UE jeħtiġilha toħloq sistema tar-risoluzzjoni li tiżgura li l-awtoritajiet kompetenti kollha jikkoordinaw effikaċament l-azzjonijiet tagħhom u li għandhom l-għodod xierqa sabiex jintervjenu bla telf ta' żmien ħalli jimmaniġġjaw il-falliment ta' bank, bil-għan li jimminimizzaw il-ħtieġa li l-Istati jirrikorru għat-tip ta' miżuri eċċezzjonali li kienu meħtieġa f'din il-kriżi.

Il-Kummissjoni Ewropea qiegħda tipproponi riforma fundamentali tar-regolazzjoni u s-superviżjoni tas-swieq finanzjarji ħalli tindirizza n-nuqqasijiet esposti mill-kriżi bankarja[2]. Diġà ttieħdu miżuri sabiex tiġi mtejba l-assigurazjzoni tad-depożiti, jissaħħu r-rekwiżiti kapitali u tiġi rriformata l-infrastruttura superviżorja tal-UE: miżuri li huma essenzjali għal qafas aktar robust għas-superviżjoni prudenzjali u l-istabbiltà finazjarja.

Madankollu, ir-riformi, sal-lum, għandhom jiġu kkomplementati minn qafas ċar li, fil-futur jippermetti lill-awtoritajiet li jistabbilizzaw u jikkontrollaw l-impatt fuq is-sistema ta' istituzzjonijiet finanzjarji transkonfinali li jfallu. L-Ewropa għandha bżonn ta' qafas

---

1 Dawn il-miżuri ta' ristruturazzjoni tal-banek jitqiesu fil-kuntest tar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-istat. Ma jaqgħux fl-ambitu ta' din il-Komunikazzjoni, u diġà huma s-suġġett ta' linji gwida mill-Kummissjoni dwar ir-rikapitalizzazzjoni, it-trattament tal-assi indeboliti u għajnuna ta' salvataġġ u ristrutturazzjoni lill-banek.

2 Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa, tal-4 ta' Marzu 2009: http://ec.europa.eu/commission_barroso/president/pdf/press_20090304_en.pdf.

regolatorju b'saħħtu li jkopri l-prevenzjoni, l-intervent bikri, ir-risoluzzjoni tal-bank u l-istralċ (ara t-tabella aktar 'l isfel).

- Ir-rapport Larosière kkonkluda li "*In-nuqqas ta' mmaniġġjar konsistenti tal-kriżi u ta' għodod ta' risoluzzjoni fis-Suq Uniku jpoġġi lill-Ewropa fi żvantaġġ vis-à-vis l-Istati Uniti u dawn il-kwistjonijiet għandhom jiġu indirizzati bl-adozzjoni fil-livell tal-UE ta' miżuri adegwati.*"[3] Dan il-vojt kruċjali issa għandu jiġi indirizzat.

- Il-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2009 ikkonkluda li għandha tiżdied il-ħidma ħalli jinħoloq qafas transkonfinali komprensiv għall-prevenzjoni u l-immaniġġjar tal-kriżijiet finanzjarji.

- Fis-summit ta' Pittsburgh tal-25 ta' Settembru, il-Kapijiet tal-G20 impenjaw ruħhom li jaġixxu flimkien ħalli "..*joħolqu għodod aktar b'saħħithom ħalli jżommu l-kumpaniji kbar globali responsabbli għar-riskji li jieħdu*" u, aktar speċifikament, li "*jiżviluppaw għodod u oqfsa ta' risoluzzjoni effikaċi ta' gruppi finanzjarji ħalli jgħinu fil-mitigazzjoni tax-xkiel maħluq mill-fallimenti tal-istituzzjonijiet finanzjarji u jitnaqqas il-periklu morali fil-futur*."

Il-qafas tal-UE ta' risoluzzjoni għall-banek transkonfinali jikkomplimenta b'mod vitali l-istruttura superviżorja ġdida li qiegħda tipproponi l-Kummisjoni[4]. Il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku l-ġdid ser jipprovdi sistema ta' twissija bikrija għar-riskji għas-sistema sħiħa, filwaqt li l-Awtorità Bankarja Ewropea l-ġdida ser ikollha rwol importanti fil-koordinazzjoni tar-rispons superviżorju u tqassim tal-informazzjoni kif ukoll biex jiġi żgurat li jkun hemm segwitu xieraq għat-twissijiet bikrija. Dawn l-arranġamenti ġodda ma jistgħux jilħqu l-għanijiet tagħhom sakemm l-awtoritajiet nazzjonali ma jkunux jistgħu jieħdu miżuri effikaċi fil-livell tal-banek sabiex jindirizzaw falliment u jipprevjenu kontaġju fis-sistema.

2. GĦAN U STRUTTURA TA' DIN IL-KOMUNIKAZZJONI

2.1. Għan

Il-Kummissjoni tqis li huma meħtieġa tibdiliet sabiex ikun possibbli l-immaniġġjar effikaċi tal-kriżijiet u r-risoluzzjoni jew l-istralċ, b'manjiera ordnata ta' banek transkonfinali li jkunu qegħdin ifallu[5]. Il-konċentrazzjoni ewlenija tinsab fuq il-banek li jieħdu depożiti u li għandhom rwol uniku bħala fornituri ta' kreditu, fuq dawk li jieħdu jieħdu depożiti u fuq l-intermedjarji tal-ħlas. Din il-Komunikazzjoni tqis miżuri biex jintlaħqu żewġ miri distinti iżda konnessi.

L-ewwel mira hija li jiġi żgurat li s-superviżuri nazzjonali kollha jkollhom għodod xierqa biex jidentifikaw il-problemi fil-banek fi stadju bikri biżżejjed u biex jintervjenu ħalli jsaħħu mill-ġdid l-istituzzjoni jew il-grupp, jew jipprevjenu li ssir aktar ħsara. Dan ser ikun jeħtieġ emendi fis-sistema superviżorja tal-kapital bankarju. Dawn l-emendi kbar jistgħu wkoll ikunu akkumpanjati minn qafas ħalli jiġi permess trasferiment ta' assi bejn entitajiet fi grupp bħala

---

3 Ara r-rapport Larosière, p.34: http://ec.europa.eu/internal_market/finances/docs/de_larosiere_report_en.pdf.

4 Ara l-proposti leġiżlattivi ġodda tal-Kummissjoni dwar is-superviżjoni finazjarja, it-23 ta' Settembru 2009: http://ec.europa.eu/internal_market/finances/committees/index_en.htm#package

5 Din il-Komunikazzjoni hija akkumpanjata minn dokument ta' ħidma tal-persunal li jagħti aktar dettalji fir-rigward ta' aspetti speċifiċi tas-sistema potenzjali.

mezz ta' għajnuna finanzjarja jew likwidità qabel il-problemi ta' entitajiet partikolari fi grupp isiru kritiċi.

It-tieni mira hija li jsir possibbli li banek transkonfinali jfallu mingħajr xkiel serju għas-servizzi bankarji vitali jew kontaġju fis-sistema finanzjarja kollha. Dan ikun ifisser l-iżvilupp ta' qafas tal-UE għar-risoluzzjoni kif ukoll ta' miżuri ħalli jiġu indirizzati l-ostakoli għar-risoluzzjoni transkonfinali effikaċi li jinħolqu minn approċċ għall-insolvenza li huwa abbażi territorjali u li jqis l-entitajiet b'mod separat, u l-arranġamenti għall-finanzjament ta' dawn ir-risoluzzjonijiet, fosthom il-kondiviżjoni bejn l-Istati Membri ta' kwalunkwe kosts fiskali.

2.2. Struttura

Il-Komunikazzjoni tkopri tliet oqsma.

1. **Intervent bikri** (taqsima 3), ikopri azzjonijiet mis-superviżuri bil-għan li titreġġa' lura l-istabbiltà u s-saħħa finanzjarja ta' istituzzjoni meta jkunu qed jiżviluppaw problemi, flimkien ma' trasferiment tal-assi bejn entitajiet solventi fi ħdan l-istess grupp għall-għanijiet ta' għajnuna finanzjarja. Dawn l-azzjonijiet jistgħu jittieħdu qabel jintlaħqu l-limiti tal-kundizzjonijiet għar-risoluzzjoni, u qabel l-istituzzjoni ssir jew x'aktarx issir insolventi. L-Awtorità Bankarja Ewropea l-ġdida jista' jkollha rwol fil-koordinazzjoni ta' intervent bikri superviżorju fi grupp transkonfinali.

2. **Risoluzzjoni** (taqsima 4), ikopri miżuri meħuda mill-awtoritajiet nazzjonali ta' risoluzzjoni biex jimmaniġġjaw kriżi f'istituzzjoni bankarja, ħalli jikkontjenu l-impatt fuq l-istabbiltà finanzjarja u fejn meħtieġ, li jiffaċilitaw stralċ b'manjiera ordnata tal-istituzzjoni kollha jew ta' partijiet minnha. Dawn il-miżuri jitwettqu lil hinn mill-qafas tas-superviżjoni bankarja, u jistgħu jittieħdu minn awtoritajiet oħra li mhumiex superviżuri, għalkemm dan bl-ebda mod ma jfisser li s-superviżuri ma jistgħux ikunu involuti.

3. **Insolvenza** (Taqsima 5), ikopri r-riorganizzazzjoni u l-istralċ li jitwettqu skont is-sistema applikabbli ta' insolvenza.

Għalkemm - għal għanijiet ta' diskussjoni - dawn il-miżuri huma ppreżentati bħala kunċetwalment distinti, mhux bilfors jikkostitwixxu 'fażijiet' differenti u sekwenzjali ta' kriżi. Fir-realtà, jista' jkun hemm koinċidenza konsiderevoli bejn ir-risoluzzjoni u l-insolvenza, partikolarment, u intervent bikri superviżorju jista' rapidament iwassal għal miżuri ta' risoluzzjoni.

2.3 Interazzjoni ma' miżuri oħra tal-UE

Dawn il-miżuri huma parti importanti mis-sistema regolatorja usa' tal-UE u inizjattivi sabiex tiżdied ir-reżiljenza tagħha, kif spjegat fit-tabella t'hawn taħt.

	Superviżjoni ta' negozju avvjat/prevenzjoni tal-kriżijiet	⇦ Ambitu tal-Komunikazzjoni dwar l-Immaniġġjar tal-Kriżijiet ⇨		
		Intervent bikri	Risoluzzjoni bankarja	Qafas tal-insolvenza
Sitwazzjoni attwali	Approċċ abbażi ta' 3 pilastri tad-Direttiva tar-Rekwiżiti Kapitali (CRD) Kulleġġi Awtoritajiet Nazzjonali Kumitat tas-Supervizuri Bankarji Ewropej (KSBE) Ittestjar tal-istress	CRD (Art. 130 + 136) Kulleġġi Għajnuna ta' Emerġenza ta' Likwidità mill-Banek Ċentrali Nazzjonali (BĊNi) MtF 2008	MtF 2008 - jiddetermina min (eż. ministeri tal-finanzi, BĊNi) jikkoordina l-azzjonijiet ma' awtoritajiet kompetenti oħra (koordinazzjoni permezz ta' gruppi tal-istabbiltà transkonfinali)	Direttiva dwar l-Istralċ Stralċ ta' fergħat transkonfinali jitwettaq skont il-proċeduri tal-insolvenza tal-pajjiż tal-bank ewlieni. Stralċ ta' sussidjarji transkonfinali jitwettaq skont il-proċeduri ta' fejn ikunu lliċenzjati s-sussidjarji
Tibdil possibbli għall-kunsiderazzjoni	Stabbiliment ta' Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) u Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) Proporzjon tal-ingranaġġ Immaniġġjar tar-riskji (strutturi ta' remunerazzjoni) Kwantità u Kwalità tal-kapital Rekwiżiti Kapitali msaħħa Superviżjoni tal-likwidità Tħejjija ta' pjanijiet tal-istralċ	Awtorità Bankarja Ewropea Setgħat ġodda fuq il-maniġment tal-banek Qafas għall-valutazzjoni konġunta Pjanijiet ta' restorazzjoni Qafas għat-trasferibbiltà tal-assi Għodod komuni akbar għas-Supervizuri (KSBE) Kjarifika tas-superviżjoni tal-fergħa tad-domiċilju/ospitanti (Art. 33 CRD)	Għodod ġodda għar-risoluzzjoni bankarja Qafas ġdid għall-kooperazzjoni Tibdiliet usa' fil-qafas legali b'sostenn tal-għodod ġodda għar-risoluzzjoni bankarja Mekkaniżmi għar-risoluzzjonijiet finanzjarji transkonfinali (fosthom rwol possibbli għad-DĠ) Applikazzjoni ta' pjanijiet tal-istralċ	Faċilitazzjoni tal-istralċ integrat ta' grupp – Qafas għall-koordinazzjoni għall-proċedimenti tal-insolvenza – Amministratur mexxej tal-insolvenza – Risoluzzjoni integrata minn awtorità unika – Trasferiment ta' assi taħt finanzjament ta' wara l-bidu

3. INTERVENT BIKRI MIS-SUPERVIŻURI

3.1. Għodod tal-intervent bikri

Xi elementi ta' qafas għall-intervent bikri mis-superviżuri diġà jesiżtu fil-qafas prudenzjali attwali għall-banek peress li jispeċifika sett minimu ta' miżuri li għandhom ikunu disponibbli għas-superviżuri biex jindirizzaw fallimenti ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ħalli jintlaħqu r-rekwiżiti ta' dik id-Direttiva[6]. Dawn jikludu r-rekwiżit li l-istituzzjoni żżid il-fondi tagħha 'l fuq mil-livell minimu speċifikat fid-Direttiva; issaħħaħ l-organizzazzjoni interna u l-arranġamenti tal-governanza tagħha; tapplika politika speċifika tal-proviżjonament; tirrestriġi n-negozju jew l-operati tagħha; jew tnaqqas ir-riskju inerenti fl-attivitajiet, il-prodotti jew is-sistemi tagħha. Dawn il-miżuri jħallu l-kontroll tal-istituzzjoni f'idejn il-maniġment, u mhux bilfors jirrapreżentaw interferenza sinifikanti mad-drittijiet tal-azzjonisti jew il-krediturі. Tibdiliet li ntlaħaq qbil dwarhom reċentament għad-Direttiva tar-Rekwiżiti tal-Kapital ('CRD')[7] ser jeħtieġu lis-superviżuri tal-konsolidazzjoni biex jippjanaw u jikkoordinaw valutazzjonijiet konġunti, miżuri eċċezzjonali, pjanijiet ta' kontinġenza u komunikazzjoni mal-pubbliku f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

---

6 L-Artikolu 136 tad-Direttiva 2006/48/KE rigward il-bidu u l-eżerċizzju ta' negozju ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (riformulazzjoni) [traduzzjoni mhux uffiċjali], (ĠU L 177, it-30.6.2006, p. 1).

7 Id-Direttiva 2006/48/KE rigward il-bidu u l-eżerċizzju ta' negozju ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (riformulazzjoni) [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Din kienet diġà ġiet emendata skont il-proposta tas-CRD 2: http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CELEX:52008PC0602:MT:NOT

Madankollu, baqa' nuqqasijiet sinifikanti li jistgħu jiġu indirizzati bil-miżuri addizzjonali li ġejjin:

- setgħat armonizzati għas-superviżuri li jitolbu li jitħejjew, f'każijiet xierqa (pereżempju, istituzzjonijiet finanzjarji importanti għas-sistema) "pjanijiet ta' kontinġenza u risoluzzjoni speċifiċi għall-kumpanija" (ġieli msejħa "testmenti ħajjin") li jagħtu d-dettalji ta' kif istituzzjoni u l-kummerċ tagħha jistgħu jiġu żarmati u jsir l-istralċ tagħhom rapidament u b'manjiera ordnata - il-bżonn ta' dawn il-pjanijiet qiegħed attwalment jiġi diskuss mill-G-20;

- il-promozzjoni ta' governanza tajba fl-istituzzjonijiet finanzjarji sabiex l-immaniġġjar ta' kriżi futura, jekk u meta sseħħ, ikun aktar sempliċi u eħfef;

- is-setgħat - li attwalment mhumiex mogħtija lis-superviżuri nazzjonali kollha - li jitolbu s-sottomissjoni ta' pjan tar-restorazzjoni, għall-bdil tal-maniġment ta' bank, jew biex jinħatar rappreżentant bl-għan partikolari li jreġġa' lura s-sitwazzjoni finanzjarja ta' istituzzjoni;

- indikaturi jew limiti komuni, u terminoloġija mifthema bejn is-superviżuri tal-UE, li jiddefenixxu b'mod ċar meta u kif għandu jitwettaq intervent f'bank transkonfinali;

- l-eżami tas-superviżjoni ta' fergħat transkonfinali fid-dawl tan-nuqqasijiet fl-arranġamenti tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' domiċilju u ospitanti u tħassib dwar is-setgħat tal-Istat ospitanti li jintervjeni effikaċjament f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

Hemm evidenza ċara mill-passat reċenti li l-qafas superviżorju ma kienx robust biżżejjed u li ma kienx hemm biżżejjed inċentivi biex jgħinu l-koordinazzjoni effiċjenti tal-miżuri superviżorji intenzjonti li jreġġgħu lura grupp transkonfinali.

Mistoqsijiet[8]

X'għodod addizzjonali għandu jkollhom is-superviżuri sabiex jindirizzaw il-problemi li jkunu qegħdin jiżviluppaw?

Kif għandu jingħata bidu għall-użu tagħhom?

Kemm huma importanti l-pjanijiet tal-istralċ ("testmenti ħajjin") bħala għodda tal-immaniġġjar tal-kriżijiet?

3.2. Trasferimenti ta' assi fi ħdan l-istess grupp

It-trasferiment ta' assi bħala mezz ta' għajnuna finanzjarja fi ħdan l-istess grupp jista' jassisti gruppi fl-immaniġġjar tal-pożizzjonijiet tal-likwidità u f'xi każijiet jista' jkun ta' għajnuna għall-istabbilizzazzjoni ta' entitajiet meta tkun qed tiżviluppa kriżi.

- • Attwalment ma hemm l-ebda sistema tal-UE għall-awtorizzazjzoni ta' trasferimenti ta' assi u l-leġiżlazzjoni tal-UE ma tipprovdix qafas ġenerali ta' termini u kundizzjonijiet għat-

[8] Mistoqsijiet aktar dettaljati fuq din it-taqsima u l-oħrajn f'din il-Komunikazzjoni jinsabu fid-dokument anċillari tal-persunal.

trasferimenti[9]. Fil-prinċipju, fl-Istati Membri kollha, trasferimenti ta' assi għandhom isiru b'konsiderazzjoni ġusta, irrispettivament minn jekk humiex isiru bejn entitajiet affiljati jew bla ebda konnessjoni bejniethom. Madankollu, dan il-prinċipju jiġi espress u applikat b'modi differenti fl-Istati Membri.

- Trasferimenti ta' assi li ma jsirux puramenti f'termini kummerċjali jista' jkollhom effett ħażin fuq il-krediturі u l-azzjonisti minoritarji tat-trasferitur. Dawn it-trasferimenti jistgħu jiġu kkuntestati minn azzjonisti minoritarji jew krediturі, u d-diretturi jistgħu jiġu esposti għal responsabbiltà ċivili jew kriminali[10].

Dawn il-kwistjonijiet jistgħu jipprevjenu azzjonijiet li jistgħu jkunu fl-aħjar interessi ta' gruppi, u ta' gruppi transkonfinali b'mod partikolari. L-introduzzjoni ta' kunċett ta' 'interess tal-grupp' għal gruppi bankarji tista' tkun mod biex jiġu sostnuti t-trasferimenti u indirizzati r-riskji tar-responsabbiltà għad-diretturi. Jista' jkun siewi li jiġi kkunsidrat kunċett limitat tal-interdipendenza u l-interess reċiproku ta' kumpaniji fi gruppi, fejn ikunu permessi trasferimenti jekk jiġu ssodisfati kundizzjonijiet speċifiċi. Madankollu, l-impatt ta' kwalunkwe proposta bħal din fuq il-prinċipju tar-responsabbiltà u l-personalità legali separata ta' entitajiet fi gruppi jeħtiġilha titqies b'attenzjoni. Ikun ukoll importanti li jitfasslu salvagwardji xierqa għall-prevenzjoni tal-possibbiltà ta' użu mhux korrett tat-trasferiment ta' assi għal skopijiet kriminali.

Jista' wkoll ikun xieraq li din is-sistema tiġi sostnuta b'modifikazzjonijiet fil-liġi tal-insolvenza ħalli jingħataw salvagwardji xierqa, bħal mhi skala ta' prijoritajiet għat-trasferitur f'każ ta' insolvenza tat-trasferatarju.

Huma fattibbli l-iżvilupp ta' qafas għat-trasferiment tal-assi? Jekk iva, xi sfidi għandhom bżonn jiġu indirizzati?

X'salvagwardji huma meħtieġa għall-azzjonisti u l-krediturі?

4. RISOLUZZJONI BANKARJA

4.1. Għalfejn tinħtieġ azzjoni tal-UE għar-risoluzzjoni bankarja?

Differenzi fl-oqfsa nazzjonali

Il-miżuri eżistenti tal-UE mmirati lejn ir-risoluzzjoni ta' bank li qiegħed ifalli għandhom ambitu u sustanza minimi. Jindirizzaw biss l-intervent superviżorju u r-rikonoxximent reċiproku tal-proċedimenti tal-insolvenza għall-*fergħat* ta' bank transkonfinali. Id-Direttiva 2001/24/KE fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ('id-Direttiva tal-Istralċ') teħtieġ li kwalunkwe riorganizzazjzoni jew stralċ ta' istituzzjoni ta' kreditu b'fergħat fi Stat Membru ieħor tinbeda u titwettaq skont proċedura unika mill-awtoritajiet relevanti, u skont il-liġi nazzjonali tal-insolvenza tal-Istat Membru tad-domiċilju

---

9 Il-premessa 52 tad-Direttiva 2006/48/KE tispeċifika biss li l-immaniġjar ta' skoperturi għandu jsir b'manjiera kompletament awtonoma, f'konformità mal-prinċipji ta' mmaniġjar bankarju korrett, mingħajr ma jingħata piż lil xi konsiderazzjonijiet oħra.

10 Ir-rapport tal-14 ta' Novembru 2008 tas-servizzi tal-Kummissjoni dwar it-trasferibbiltà tal-assi, ara

ttp://ec.europa.eu/internal_market/bank/docs/windingup/rep141108_en.pdf

tal-istituzzjoni. Gruppi bankarji transkonfinali, magħmula minn kumpanija prinċipali tal-grupp b'*sussidjarji* fi Stati Membri oħra mhumiex koperti b'din id-Direttiva.

Is-sussidjarji huma l-akbar tip ta' negozju bankarju transkonfinali fl-Ewropa, b'assi li jlaħħqu kważi EUR 4 triljuni[11]. Għalhekk, fin-nuqqas ta' miżuri tal-UE, l-immaniġġjar tal-kriżijiet huwa kważi għal kollox irregolizzat mis-sistemi nazzjonali li jistgħu jkunu differenti sew minn xulxin.[12] Pereżempju, f'xi Stati Membri s-setgħat relevanti jiġu minn sistema speċifika ta' risoluzzjoni jew insolvenza tal-banek, filwaqt li f'oħrajn teżisti biss is-sistema ġenerali tal-insolvenza tal-korporazzjonijiet. Is-setgħat għall-immaniġġjar tal-kriżijiet bankarji transkonfinali huma mogħtija lil firxa ta' awtoritajiet domestiċi fosthom superviżuri bankarji, banek ċentrali, ministeri governattivi, qrati jew uffiċjali tal-insolvenza u f'xi każijiet lil skemi ta' garanzija tad-depożiti. Is-saħħa tas-setgħat u l-kundizzjonijiet li jirregolaw l-użu tagħhom ivarjaw ukoll skont kull sistema nazzjonali.

Risoluzzjoni transkonfinali effikaċi ssir aktar diffiċli jekk il-miżuri disponibbli skont il-liġi nazzjonali jew ir-rekwiżiti proċedurali għal ċertri azzjonijiet tal-korporazzjonijiet ivarjaw. Bħala eżempju bażiku, jekk xi awtorità nazzjonali jkollha s-setgħa li titrasferixxi assi lil xi xerrej terz b'ordni eżekuttiva, filwaqt li awtorità oħra ma tistax tagħmel l-istess jekk mhux bi proċeduri ġuridiċi, intervent rapidu u koordinat minn dawn iż-żewġ awtoritajiet biex jindirizzaw lill-banek affiljati jew l-assi fil-ġuriżdizzjonijiet rispettivi tagħhom x'aktarx li jkun diffikultuż ħafna.

Jista' wkoll ikun ta' importanza kruċjali l-istadju li fih jistgħu jittieħdu miżuri ta' risoluzzjoni. Mhux l-awtoritajiet nazzjonali kollha għandhom is-setgħa li jistabbilizzaw u jirriorganizzaw bank f'diffikultà qabel ma jintlaħaq il-punt formali ta' insolvenza (kif iddefinit fil-liġi nazzjonali), u n-nuqqas ta' kundizzjonijiet armonizzati tal-limitu li jagħtu bidu għal dawn is-setgħat jista' jipprevjeni azzjoni koordinata fir-rigward ta' grupp transkonfinali. Dan huwa diskuss iktar fit-Taqsima 4.4.

Filwaqt li din id-diversità mhux bilfors hija problema jekk l-operati tal-bank f'diffikultà jkunu kollha kemm huma nazzjonali u l-miżuri jissodisfaw ir-regoli tal-Għajnuna Statali, ċertament li xxekkel azzjoni effikaċi fir-rigward ta' grupp bankarju li jopera f'diversi ġuriżdizzjonijiet.

Inċentivi għal ċirkuskrizzjoni ta' assi nazzjonali

Fir-rispons tagħhom għal din il-kriżi, l-Istati Membri kellhom it-tendenza li jiċċirkuskrivu l-assi nazzjonali ta' grupp transkonfinali u japplikaw għodod nazzjonali tar-risoluzzjoni fil-livell ta' kull entità minflok li jfittxu soluzzjoni għall-grupp sħiħ. Madankollu ċ-ċirkuskrizzjoni ta' assi lokali ta' spiss tfixxkel aktar milli tgħin tirrisolvi problema fi grupp transkonfinali. Ikun hemm każijiet fejn dawn l-azzjonijiet jirriżultaw f'telf akbar għall-grupp sħiħ.

L-inċentivi tal-Istati Membri biex jikkoordinaw u ma jiċċirkuskrivux l-assi nazzjonali meta jseħħu kriżijiet transkonfinali huma limitati għall-bżonn tagħhom li jipproteġu l-interessi tal-azzjonisti nazzjonali (fosthom il-krediturі, il-kontribwenti u l-iskema tal-garanzija tat-depożiti). Dan l-ostakolu fundamentali għar-risoluzzjoni kooperattiva ta' grupp transkonfinali

---

11 Assi li jinsabu fis-sussidjarji transkonfinali (2006), Sors BĊE

12 DBB Law "Study on the feasibility of reducing obstacles to the transfer of assets within a cross border banking group during a financial crisis and of establishing a legal framework for the reorganisation and winding-up of cross border banking groups", 2008.

għandu, fost l-oħrajn, l-għeruq fin-natura territorjali tal-liġi tal-insolvenza. Jekk il-liġi tal-insolvenza tkun nazzjonali, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom interess leġittimu - kif ukoll politiku qawwi - li jiċċirkuskrivu l-assi nazzjonali ta' bank f'diffikultà sabiex jipproteġu d-depożiti nazzjonali u jimmassimizzaw l-assi disponibbli għall-krediturі tal-entità nazzjonali.

Madankollu, kwalunkwe ftehim li jillimita d-drittijiet tal-Istati Membri li jiċċirkuskrivu l-assi lokali ta' grupp bankarju transkonfinali se jiddependi b'mod kruċjali fuq l-eżistenza ta' arranġamenti ġusti, xierqa u skont il-liġi[13] bejn l-Istati Membri għall-kondiviżjoni tal-piż ta' kwalunkwe telf sussegwenti li jista' jġarrab grupp bankarju fit-totalità tiegħu - inkluż is-sussidjarji barranin tiegħu. Dawn l-arranġamenti mhux biss isostnu l-immaniġġjar tal-kriżijiet, iżda jistgħu wkoll jgħinu fil-prevenzjoni tal-kriżijiet billi jirrinforzaw l-inċentivi għall-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet pubbliċi. Partikolarment, il-fiduċja u l-kunfidenza fl-arranġamenti tal-kooperazzjoni għandhom ikunu sostnuti bl-aċċertament li l-kostijiet li jirriżultaw mir-risoluzzjoni transkonfinali jkunu jistgħu jinqassmu b'mod ġust bejn id-diversi partijiet interessati. Dan huwa diskuss fit-Taqsima 4.8 ta' dan id-dokument.

4.2. Għanijiet ta' qafas għar-risoluzzjoni bankarja

L-approċċi nazzjonali differenti lejn ir-risoluzzjoni bankarja attwalment għandhom għanijiet differenti. Il-liġijiet tal-insolvenza tal-korporazzjonijiet tipikament ikollhom żewġ għanijiet prinċipali: trattament ġust u prevedibbli tal-krediturі u l-massimazzjoni tal-assi disponibbli biex jissodisfaw il-pretenzjonijiet tal-krediturі. Għall-kuntrarju, f'sistema speċifika għall-insolvenza bankarja, l-għanijiet tal-politika pubblika bħall-istabbiltà finanzjarja, il-kontinwità tas-servizzi u l-integrità tas-sistemi tal-ħlas, jistgħu jieħdu prijorità. Qbil dwar sett komuni ta' għanijiet għandu jiddetermina u jsawwar in-natura ta' qafas ġdid tal-UE.

Qafas Ewropew għar-risoluzzjoni bankarja għandu għalhekk jkun ibbażat fuq għanijiet mifthema u komuni li għandhom jiżguraw li t-telf jaqa' primarjament fuq il-partijiet interessati u l-krediturі ż-żgħar u mhux garantiti minflok fuq il-gvernijiet u l-kontribwenti. Dan huwa essenzjali sabiex ikun evitat il-periklu morali li jinħoloq minn perċezzjonijiet li banek huma kbar wisq jew interkonnessi wisq biex ifallu u li x'aktarx ikunu salvati b'finanzjament pubbliku. L-għan politiku primarju huwa li jiġi żgurat li jkun dejjem possibbli - politikament u ekonomikament - li banek jitħallew ifallu, ikun xi jkun id-daqs tagħhom.[14] Dak l-għan prinċipali ma tantx jista' jintlaħaq sakemm il-qafas tar-risoluzzjoni ma jkunx jista' jiżgura l-protezzjoni tad-depożituri (assigurati) u l-kontinwità tas-servizzi bankarji u ta' ħlas, u ġeneralment li jimmaniġġja l-impatt fuq is-sistema ta' falliment ta' bank billi jimminimizza l-kontaġju u jipprovdi l-kundizzjonijiet legali neċessarji għal stralċ b'manjiera ordnata.[15]

X'għandhom ikunu l-għanijiet u l-prijoritajiet ewlenin għal-qafas tal-UE għar-risoluzzjoni bankarja?

---

13 Għajnuna finanzjarja għal miżuri ta' risoluzzjoni kważi żgur li tkun tinvolvi regoli tal-UE dwar l-għajnuna Statali, u kwalunkwe arranġament bħal dan ikollu għalhekk jikkonforma ma' dawn ir-regoli.

14 Ara d-dikjarazzjoni tal-mexxejja tal-G20, Pittsburgh, l-24-25 ta' Settembru 2009, http://www.pittsburghsummit.gov/mediacenter/129639.htm

15 Fil-15 ta' Settembru 2009 il-Bord tal-Istabbiltà Finanzjarja ħareġ dikjarazzjoni għall-istampa fejn ħabbar li kien qiegħed iniedi programm ta' ħidma biex jindirizza r-riskji tal-perikli morali u sfidi oħra li jippreżentaw istituzzjonijiet sistematikament importanti. http://www.financialstabilityboard.org/press/pr_090915.pdf

4.3. X'għodod tar-risoluzzjoni huma meħtieġa?

L-approċċi nazzjonali lejn ir-risoluzzjoni bankarja b'mod ġenerali jaqgħu f'żewġ kategoriji: dawk li joperaw skont il-liġi ġenerali tal-insolvenza tal-korporazzjonijiet, fosthom l-amministrazzjoni u dawk li għandhom sistema speċjali għall-banek. Fiż-żewġ każijiet, ir-regoli huma limitati għall-operati bankarji nazzjonali. Ma japplikawx lil hinn mit-territorju rispettiv[16]. Sistemi speċjali jistgħu jew jieħdu l-forma ta' sistema ġenerali tal-insolvenza adattata għall-banek, jew sett ta' għodod dedikati għar-risoluzzjoni speċifikament adattati għall-banek li qegħdin ifallu. Għodod dedikati għar-risoluzzjoni jistgħu jinkludu setgħat għat-trasferiment tal-assi kollha jew parti minnhom u r-responsabbiltajiet ta' bank li qiegħed ifalli għal għand entità oħra fis-settur privat (fużjoni assistita jew mhux li titwettaq minn awtoritajiet nazzjonali) jew 'bank likwidatur'; il-poter li titnaddaf il-karta tal-bilanċ ta' istituzzjoni li qiegħda tfalli billi jiġi ttrasferit is-self li mhux irendi u l-assi 'tossiċi' jew li diffiċli biex tivvalorizza f'entità separata tal-immaniġġjar tal-assi (jew 'bank ħażin'); u n-nazzjonalizzazzjoni.

F'din id-distinzjoni ġenerali jeżistu aktar differenzi. Xi sistemi nazzjonali jiffavorixxu approċċ gradwali filwaqt li oħrajn ixeqilbu lejn intervent rapidu ta' emerġenza. Tal-ewwel għandhom it-tendenza li japplikaw minn stadju bikri u huma mfassla sabiex iħeġġu l-kunsens tal-azzjonisti għal miżuri ta' ristrutturazzjoni: l-ewwel pass ta' spiss huwa li jinbidel il-manġiment b"amministratur' jew 'maniġer speċjali' u jiġi sottomess pjan ta' ristrutturazzjoni lill-azzjonisti għall-approvazzjoni, u biss, bħala tieni pass li jiġu imposti miżuri li jkunu supremi fuq id-drittijiet tal-azzjonisti. It-tieni, b'kuntrast, jimponu miżuri mingħajr kunsens minn qabel tal-azzjonisti.

Firxa effikaċi ta' għodod għandha tagħti lill-awtoritajiet alternattivi oħra minn għajnuna ta' finanzjamnet pubbliku u likwidazzjoni biex jiġu indirizzati problemi f'bank f'diffikultà. Filwaqt li dan id-dokument huwa miftuħ għal - u jfittex opinjonijiet dwar - l-aktar għodod xierqa għal sistema tal-UE, huwa essenzjali li l-awtoritajiet tar-risoluzzjoni jkollhom firxa wiesgħa biżżejjed ta' għodod komuni li jistgħu jiġu applikati b'mod flessibbli u b'diskrezzjoni, u li jkunu jistgħu jaġixxu b'ħeffa u kontroll adegwati fuq l-iżvolġiment tar-risoluzzjoni. Dokument ta' ħidma tal-FMI reċenti[17] jissuġġerixxi li l-għodod li ġejjin, li jintużaw f'għadd ta' sistemi nazzjonali eżistenti[18], għandhom jitqiesu fi kwalunkwe studju tas-sistema tal-UE:

– setgħat biex tiġi ffaċilitata jew titwettaq akkwiżizzjoni fis-settur privat ta' bank li qiegħed ifalli jew tan-negozju tiegħu;

– setgħat għat-trasferiment ta' negozju ta' bank li qiegħed ifalli għal "bank likwidatur" ħalli jiġi ppreżervat bħala negozju avvjat bil-ħsieb li jinbiegħ lil xi xerrej mis-settur privat;

– setgħat biex jifirdu assi "nodfa" u "tossiċi" bejn banek "tajbin" u "ħżiena" permezz ta' trasferiment parzjali ta' assi u responsabbiltajiet.

---

16 Madankollu, miżuri tar-rioganizzazzjoni jew l-istralċ li jaqgħu fl-ambitu tad-Direttiva 2001/24/KE japplikaw għall-*fergħat* ta' istituzzjoni tal-kreditu (iżda mhux għas-sussidjarji tagħha) fl-Istati Membri l-oħra.

17 Id-Dokument ta' Ħidma tal-FMI WP/09/200, "The Need for Special Resolution Regimes for Financial Institutions – The Case of the European Union", ta' Martin Cihák u Erlend Nier.

18 F'pajjiżi oħra, dawn is-setgħat jeżistu iżda huma impliċiti. L-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu jużawhom fil-kuntest ta' proċedimenti ta' insolvenza.

Meta dawn l-għodod ikunu potenzjalment jistgħu jinvolvu għanjuna Statali, għandhom jitfasslu u jiġu eżerċitati b'mod li jkun konsistenti mas-sistema tal-UE għall-Għajnuna Statali[19].

Ġuriżdizzjonijiet oħra jimmaniġġjaw ir-riorganizzazzjoni ta' banek skont qafas ta' amministrazzjoni speċjali, fejn amministratur maħtur mill-awtorità nazzjonali relevanti jassumi l-kontroll tal-maniġment ta' bank li qiegħed ifalli u jqis kif jista' jiġi ristrutturat. Din tista' wkoll tkun miżura siewja f'sistema tal-UE, għalkemm il-kundizzjonijiet xierqa tal-limitu u l-iskedar jistgħu jkunu differenti (ara t-Taqsima 4.4).

X'inhuma l-għodod ewlenin għal sistema tal-UE għar-risoluzzjoni?

4.4. Kundizzjonijiet tal-limitu u l-iskedar tal-użu tal-għodod

"Kundizzjonijiet tal-limitu" ċari li jridu jintlaħqu qabel jiskattaw is-setgħat tal-intervent huma ċentrali f'sistema tal-UE għar-risoluzzjoni. Huma jiffaċilitaw azzjoni kkoordinata mill-awtoritajiet nazzjonali, inaqqsu r-riskju ta' kontestazzjoni, u jipprovdu ċertezza legali għall-azzjonisti u l-krediturі dwar iċ-ċirkustanzi li fihom tista' tittieħed azzjoni. Kwalunkwe intervent li jaffettwa l-interessi u d-drittijiet tal-azzjonisti u l-krediturі jeħtieġlu jkun proporzjonat mas-serjetà tal-problemi fl-istituzzjoni u mmotivat minn konsiderazzjonijiet leġittimi ta' interess pubbliku.

Sabiex jiġi ssalvagwardjat l-interess pubbliku, l-intervent għandu jkun possibbli qabel il-bank ikun f'sitwazzjoni fejn il-"karta tal-bilanċ" tkun fi stat ta' insolvenza: jiġifieri, qabel il-bank jilħaq il-limiti relevanti għall-għanijiet ta' proċedimenti ordinarji ta' insolvenza. Jekk l-awtoritajiet ma jkunux jistgħu jintervjenu b'mod deċiżiv biex jipproteġu l-interess pubbliku qabel il-bank ikunu teknikament fi stat ta' insolvenza, ir-riżultat ikun li jiġu limitati l-alternattivi effikaċi għall-istabbilizzazzjoni u r-risoluzzjoni, jew jiżdied l-ammont ta' fondi pubbliċi li jkollhom jiġu impenjati b'sostenn ta' din l-alternattiva. Il-kundizzjonijiet tal-limitu għal sistema tal-UE għandhom għalhekk jippermettu intervent fi stadju xieraq, filwaqt li jkunu rigorużi biżżejjed biex jiżguraw li intervent li jinterferixxi mad-drittijiet tal-azzjonisti jkun ġustifikat. Dak ir-riżultat x'aktarx li jintlaħaq b'taħlita ta' limitu regolatorju bbażat fuq valutazzjoni superviżorja li istituzzjoni tkun qiegħda tfalli milli tilħaq il-kundizzjonijiet regolatorji ewlenin, u interess pubbliku akbar ibbażat fuq pereżempju, l-istabbiltà finanzjarja u l-kontinwità tas-servizzi bankarji.

X'inhuma l-limiti xierqa biex jintużaw l-għodod tar-risoluzzjoni?

4.5. Ambitu tal-qafas tar-risoluzzjoni bankarja

Qafas ġdid ser ikollu bżonn ikun japplika għall-istituzzjonijiet tal-kreditu kollha li jagħmlu parti minn grupp transkonfinali. Dan għandu jinkludi l-fergħat transkonfinali għax l-esperjenza wriet li l-banek li joperaw permezz ta' fergħat transkonfinali jistgħu jippreżentaw riskju reali għall-istabbiltà finanzjarja fl-Istati Membri fejn il-fergħat iwettqu ammonti sinifikanti ta' negozju ta' teħid ta' depożiti[20]. Barra minn dan, peress li l-gruppi bankarji ta' spiss jinkludu entitajiet li jwettqu attivitajiet ta' investiment u servizzi finanzjarji oħra, u l-

---

[19] Fir-rigward tal-kriżi finanzjarja attwali, il-Kummissjoni adottat għadd ta' linji gwida biex tiġi indirizzata din is-sitwazzjoni eċċezzjonali ta' emerġenza.

[20] Kif kien il-każ tal-kriżi bankarja fl-Iżlanda.

falliment tagħhom ukoll ikun ta' theddida għas-sistema finanzjarja, jagħmel sens li qafas armonizzat tal-UE għar-risoluzzjoni jkun estiż għall-kumpaniji tal-investiment u possibbilment tal-assigurazzjoni[21]. L-istralċ tal-Lehman Brothers u taqlib li kkawża fis-suq[22], inkluż l-inċertezza dwar fejn kienu jinsabu l-assi tal-klijenti u l-valur tagħhom, u dwar il-pożizzjonijiet kuntrattwali tal-kontropartijiet tal-Lehman u l-istat tan-negozju avvjat tagħhom, juru b'mod ċar li miżuri bil-għan li jiġi mmaniġġjat falliment ta' kumpaniji li qed ifallu huma meħtieġa wkoll.

Madankollu, il-miżuri ta' risoluzzjoni li huma xierqa għall-banek li jieħdu depożiti mhux bilfors li jkunu xierqa għal tipi oħra ta' istituzzjonijiet finanzjarji. Pereżempju, is-setgħa li jiġu ttrasferiti assi u responsabbiltajiet għal 'bank likwidatur' tista' tkun adattata għall-banek li jieħdu depożiti minħabba n-natura tal-attivitajiet tagħhom u l-għanijiet tar-risoluzzjoni, iżda inqas relevanti għall-banek tal-investiment, fejn l-għan ta' sistema ta' risoluzzjoni jista' jkun li jiġu indirizzati problemi u inċertezzi fir-rigward tal-kummerċ, it-tindif u l-kumpens, il-garanzija u l-kustodja tal-assi tal-klijenti.

X'għandu jkun l-ambitu ta' qafas tal-UE għar-risoluzzjoni? Għandu jiffoka biss fuq banek li jieħdu d-depożiti (minflok fuq kwalunkwe istituzzjoni finanzjarja regolata oħra)?

Jekk iva, għandu japplika biss għal gruppi bankarji transkonfinali jew għandu wkoll jinkludi entitajiet singoli li joperaw b'mod transkonfinali peremzz ta' fergħat biss?

4.6. Drittijiet tal-partijiet interessati fil-proċeduri ta' risoluzzjoni bankarja

Azzjonisti

Qafas robust għad-drittijiet tal-azzjonisti huwa essenzjali għall-governanza tajba tal-korporazzjonijiet u wkoll għall-moviment ħieles tal-kapital. Dan huwa speċjalment il-każ bil-banek li huma kumpaniji pubbliċ kwotati peress li l-ishma jkunu kkwotati u nnegozjati fis-swieq tal-kapital. Għandu jintlaħaq bilanċ bejn il-protezzjoni tal-interessi leġittimi tal-azzjonisti u l-kapaċità tal-awtoritajiet tar-risoluzzjoni li jintervjenu malajr u b'mod deċiżiv biex jirristrutturaw istituzzjoni jew grupp li qiegħed ifalli ħalli jimminimizzaw il-kontaġju u jiżguraw l-istabbiltà tas-sistema bankarja fi Stati Membri affettwati.

Il-liġi tal-UE fiha għadd ta' rekwiżiti mandatorji li jagħtu drittijiet lill-azzjonisti. Dawn jinkludu drittijiet tal-prelazzjoni, u r-rekwiżiti li kwalunkwe żieda jew tnaqqis fil-kapital tas-sehem maħruġ jkun approvat waqt il-laqgħa ġenerali tal-azzjonisti. L-azzjonisti jgawdu drittijiet minimi ekwivalenti fl-UE sakemm il-kumpanija tkun negozju avvjat. Id-drittijiet tal-azzjonisti mogħtija skont il-liġi tal-UE normalment ma jimponu l-ebda ostakolu għall-miżuri ta' riorganizzazzjoni meħuda skont preċedura regolari ta' insolvenza. Dawn id-drittijiet lanqas ma neċessarjament jimponu problema fi proċess ta' risoluzzjoni bankarja li jiffavorixxi

---

21 Kumpaniji tal-investiment mhumiex koperti la bid-Direttiva tal-Istralċ u r-Riorganizzazzjoni u lanqas bir-Regolament KE tal-Insolvenza. Għall-kuntrarju, il-kumpaniji tal-assigurazzjoni huma koperti bid-Direttiva 2001/17/KE fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' impriżi tal-assigurazzjoni, li tipprovdi għar-rikonoxximent reċiproku u l-koordinazzjoni tal-proċedimenti tal-insolvenza tal-Istati tad-domiċilju fir-rigward tal-fergħat ta' kumpanija tal-assigurazzjoni fi Stati Membri l-oħra.

22 Pereżempju, inċertezza dwar il-kobor tal-iskoperturi ta' instituzzjonijiet finanzjarji oħra għal Lehman wasslet għal waqa' drastika fil-prezzijiet tal-ekwità globali fis-settur bankarju, filwaqt li waqgħat fil-fondi tas-suq tal-flus tal-Istati Uniti li kienu maħsuba li kienu investiti fil-gazzetta kummerċjali ta' Lehman wasslu għal-likwidazzjoni rapida tal-impriżi tagħhom tal-gazzetti kummerċjali kollha tal-Istati Uniti f'suq li kien qed jaqa'.

approċċ gradwali mfassal biex iħeġġeġ il-kunsens tal-azzjonisti għall-miżuri ta' ristrutturazzjoni jew fejn huwa disponibbli żmien biex jiġu ssodisfati dawn ir-rekwiżiti. Id-diffikultà tqum jekk ir-riorganizzazzjoni sseħħ skont proċess ta' risoluzzjoni bankarja li jfittex li jimponi miżuri mingħajr ma jfittex kunsens minn qabel tal-azzjonisti. F'dan il-każ, in-natura madatorja tad-drittijiet mogħtija skont id-Direttivi tal-UE dwar il-liġi tal-Kumpaniji, tista' tfixkel l-isforzi tal-awtoritajiet biex jindirizzaw kriżi bankarja bla telf ta' żmien. Għalhekk jistgħu jkunu meħtieġa aġġustamenti f'dawn id-Direttivi. In-natura ta' dawn l-aġġustamenti jkollha tkun tali li tiggarantixxi l-kapaċità tal-awtoritajiet nazzjonali li jintervjenu malajr f'ċirkustanzi definiti, jiġifieri skattaturi jew kundizzjonijiet, mingħajr ma jkollhom ifittxu l-approvazzjoni tal-azzjonisti sabiex tkun żgurata l-kontinwità tas-servizzi essenzjali li kien jipprovdi l-bank u jkun imminimizzat l-impatt tal-falliment tiegħu fuq is-sistema - pereżempju billi jiġi organizzat il-bejgħ fis-settur privat.

Similarment, kwalunkwe trasferiment ta' pussess jew assi ta' bank f'diffikultà mingħajr il-kunsens minn qabel tal-azzjonisti għandu jkun konformi mad-dritt ta' pussess tal-azzjonisti skont il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Fejn id-drittijiet mogħtija mil-liġi tal-UE jiġu affettwati, ikun meħtieġ jiġu indirizzati wkoll mekkaniżmi xierqa ta' rimedju u kumpens.

L-azzjonisti għandhom id-dritt li ma jiġux imċaħħda mill-ishma tagħhom, jew li jsoffru tnaqqis fil-valur tagħhom, sakemm l-interferenza mhix iġġustifikata mill-interess pubbliku u skont il-kundizzjonijiet ipporvduti fil-liġi kif ukoll skont il-liġi internazzjonali. L-inċertezza dwar jekk it-termini tal-intervent jilħqux bilanċ ġust bejn il-bżonnijiet tal-interess ġenerali tal-komunità u r-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-azzjonisti individwali tista' twassal għar-riskju li l-miżuri ta' risoluzzjoni jiġu kkontestati, fi kwalunkwe każ individwali, fil-qrati nazzjonali u Ewropej.

Krediturі u kontropartijiet

Għodod tar-risoluzzjoni bankarja li jinvolvu trasferiment ta' assi jistgħu wkoll jinterferixxu mad-drittijiet tal-krediturі u l-kontropartijiet fis-suq, u kwalunkwe qafas tal-UE għar-risoluzzjoni jkun jeħtieġlu jinkludi salvagwardji xierqa li jipproteġu dawk l-interessi. Salvagwardji għall-krediturі, pereżempju, jistgħu jinkludu mekkaniżmi ta' kumpens li jiżguraw li l-ebda krediturі ma jispiċċa agħar milli kien ikun kieku l-bank taħt risoluzzjoni jkun ġie sottopost għal stralċ skont il-liġi applikabbli ta' insolvenza. Salvagwardji għall-kontropartijiet fis-suq jistgħu jinkludu restrizzjonijiet li jipprevjenu taqlib għall-arranġamenti ta' tpaċija u ta' saldu, l-interessi ta' titoli u l-arranġamenti finanzjarji strutturati.

Hija meħtieġa deroga minn ċerti rekwiżiti imposti mid-Direttivi tal-UE dwar il-Liġi tal-Kumpaniji, u jekk iva liema kundizzjonijiet jew skattaturi għandhom japplikaw għal kwalunkwe tali deroga? X'mekkaniżmi xierqa ta' salvagwardja, studju jew kumpens għall-azzjonisti, il-krediturі u l-kontropartijiet ikunu xierqa?

4.7. Applikazzjoni ta' miżuri ta' risoluzzjoni għal grupp bankarju

L-element prinċipali ta' din il-komunikazzjoni huma l-banek transkonfinali. Jekk entità legali twettaq in-negozju transkonfinali tagħha permezz ta' fergħat, il-prinċipji stipulati fid-Direttiva tal-Istralċ ('CIWUD') għandhom japplikaw biex jestendu l-miżuri adottati fl-Istat tad-domiċilju tal-bank għal-fergħat fl-Istati Membri l-oħra. Dan jista' jinvolvi bidla leġiżlattiva peress li mhux ċar li l-miżuri tal-UE tar-risoluzzjoni bankarja neċessarjament jaqgħu fl-ambitu tas-CIWUD.

Madankollu, l-applikazzjoni tal-miżuri tar-risoluzzjoni għall-entitajiet affiljati fi grupp bankarju hija anki aktar komplessa. B'mod ġenerali, jekk l-UE trid timxi lil hinn mill-immaniġġjar tal-kriżijiet abbażi nazzjonali u t-tendenza, li wieħed jista' anki jifhem, li l-assi jiġu ċirkuskritti, hemm żewġ approċċi li jistgħu jiġu segwiti. L-ewwel huwa li jiġi żviluppat qafas għall-koordinazzjoni tal-miżuri li jibqgħu jiġu applikati fil-livell nazzjonali. It-tieni - żvilupp ħafna aktar fil-fond tas-suq uniku - huwa li jiġi pprovdut għar-risoluzzjoni integrata ta' entitajiet ta' grupp f'ġuriżdizzjonijiet differenti minn awtorità ta' risoluzzjoni unika.

Alternattiva li l-Kummissjoni tqis li ta' min jesplora hija li tiġi vvalutata l-fattibbiltà ta' awtorità ta' risoluzzjoni unika li tkun responsabbli għar-risoluzzjoni ta' gruppi transkonfinali - iddeterminata skont regoli - biex tieħu r-rwol ewlieni fl-organizzazzjoni ta' risoluzzjoni.

Jekk l-alternattiva ta' awtorità Ewropea tar-risoluzzjoni ma titqiesx fattibbli, tal-anqas għandhom jiġu kkoordinati miżuri nazzjonali tar-risoluzzjoni għall-gruppi bankarji transkonfinali.

Approċċ għar-risoluzzjoni transkonfinali abbażi tal-koordinazzjoni ta' miżuri nazzjonali tkun tfisser it-tisħiħ tal-arranġamenti attwali, aktar milli bidla radikali fihom. Il-Memorandum ta' Ftehim[23] dwar l-istabbiltà finanzjarja, miftiehem f'Ġunju 2008, kien fis-seħħ matul il-kriżi iżda ma rnexxilux jipprovdi bażi biżżejjed jew utli għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri. Ir-risoluzzjoni b'manjiera ordnata ta' bank transkonfinali li qiegħed ifalli tkun ferm aktar possibbli jekk ikun hemm qafas tal-UE strutturat u legalment vinkolanti li jorbot l-arranġamenti tal-kooperazzjoni matul kriżi. Arranġamenti għall-finanzjament ta' risoluzzjoni transkonfinali tat-tip diskuss fit-Taqsima 4.8 hawn taħt x'aktarx li wkoll isaħħu l-effikaċja tal-koordinazzjoni jekk l-inċentivi jkunu tajbin.

Madankollu, taħt qafas ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni, ir-risoluzzjoni ta' grupp bankarju jkollha bilfors ssir fil-livell ta' kull entità legali skont is-sitema nazzjonali applikabbli. Risoluzzjoni separata bħal din, anki meta kkoordinata, mhux bilfors li tippermetti l-aktar riorganizzazzjoni effiċjenti. Dan l-approċċ ifalli wkoll millli jirrifletti r-realtà kummerċjali tas-settur bankarju integrat tal-UE li żviluppa fil-qafas tas-suq uniku. Gruppi bankarji qegħdin dejjem isiru aktar operattivament u kummerċjalment interdipendenti, ta' spiss jiċċentralizzaw l-immaniġġjar tal-likwidità b'mod li jinvolvi taħlit ta' assi, u huma organizzati u mħaddma b'mod li jirrifletti l-linji ta' negozju aktar milli l-istruttura legali.

Dawn il-kwistjonijiet jistgħu jiġu indirizzati bis-sħiħ biss permezz ta' integrazzjoni strutturali akbar tal-qafas tar-risoluzzjoni possibbilment billi tinħatar awtorità gwida (iddeterminata skont regoli ċari *ex ante*) u li torganizza r-risoluzzjoni ta' grupp partikolari. Dik l-awtorità, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali involuti, tapplika l-miżuri tal-UE għar-risoluzzjoni f'kull territorju relevanti. Dan l-approċċ huwa ovvjament ambizzjuż, u x'aktarx li ma jkunx effikaċi jew fattibbli sakemm ma jsirx possibbli trattament aktar integrat tal-insolvenza tal-gruppi bankarji. Dan huwa diskuss fit-Taqsima 5 hawn taħt.

Kif jistgħu jittejbu l-kooperazzjoni u l-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet u l-amministrazzjonijiet responsabbli għar-risoluzzjoni u l-insolvenza ta' grupp bankarju transkonfinali?

---

23 Memorandum ta' Ftehim dwar il-Kooperazzjoni Bejn l-Awtoritajiet Superviżorji Finanzjarji, il-Banek Ċentrali u l-Ministeri għall-Finanzi tal-Unjoni Ewropea dwar l-Istabbiltà Transkonfinali (l-1 ta' Ġunju 2008).

Risoluzzjoni integrata permezz ta' Awtorità Ewropea tar-Risoluzzjoni għall-gruppi bankarji hija mixtieqa u fattibbli?

Jekk l-alternattiva ma titqiesx fattibbli, x'inhuma l-miżuri minimi nazzjonali għar-risoluzzjoni għall-gruppi bankarji transkonfinali li huma meħtieġa?

4.8. Finanzjament ta' risoluzzjoni transkonfinali

Finanzjament mis-settur privat

Arranġamenti tal-finanzjament huma fundamentali għal kwalunkwe sistema ta' risoluzzjoni transkonfinali. Bħala prinċipju primarju, arranġamenti għall-finanzjament privat jew soluzzjonijiet mis-settur privat huma meħtieġa biex il-kosts ta' falliment ta' bank ma jinġarrux mill-kontribwenti (ara t-Taqsima 4.2). Barra minn dan, fil-kuntest tas-suq uniku, in-nuqqas ta' dawn l-arranġamenti tal-UE jillimita l-firxa tal-għodod tar-risoluzzjoni li l-awtoritajiet jużaw f'kuntest transkonfinali. Dan jista' jżomm awtoritajiet milli jsegwu l-aktar soluzzjoni effikaċi u jwassal għal kosts totali ogħla li jiġu mġarrba individwalment mill-Istati Membri involuti. Filwaqt li l-iżgurar tal-involviment tas-settur privat fir-risoluzzjoni tal-banek huwa ġeneralment xi ħaġa mixtieqa, id-disponibbiltà tal-alternattivi mis-settur privat tonqos rapidament hekk kif il-kriżi tiggrava.

Ikun utli li tiġi esplorata l-fattibbiltà li jiġu stabbiliti mekkaniżmi *ex-ante* li jiżguraw li fondi mis-settur privat ikunu disponibbli fi żminijiet ta' kriżi. L-iskemi ta' garanzija tad-depożiti jistgħu jinkludu l-possibbiltà ta' finanzjament tal-miżuri tar-risoluzzjoni. Dan ikollu l-vantaġġ li s-settur bankarju jikkontribwixxi direttament biex jiżgura l-istabbiltà tiegħu stess. Madankollu, dan ma għandux ikun għad-detriment li jiġu kkumpensati d-depożituri individwi f'każ ta' falliment ta' bank. Fl-eżami tagħha tal-operat tal-iskemi tal-garanziji tad-depożiti li għandu jiġi ppreżentat fl-2010, il-Kummissjoni ser teżamina l-użu tal-iskemi tal-garanzija tad-depożiti fil-kuntest tal-kriżi. Inkella, kif jagħmlu xi Stati Membri, il-Kummissjoni tista' tesplora l-ħolqien ta' fond tar-risoluzzjoni, potenzjalment iffinanzjat imposti ddebitati mill-istituzzjonijiet finanzjarji li jistgħu jkunu kkalibrati biex jirriflettu d-daqs jew l-attività kummerċjali....

Barra minn dan, jista' jiġi esplorat qafas ta' faċilitazzjoni għal finanzjament fi ħdan l-istess grupp wara li tkun bdiet proċedura ta' insolvenza. Fil-kuntest tal-ħidma tiegħu dwar it-trattament ma' gruppi ta' korporazzjonijiet f'insolvenza, l-UNCITRAL[24] qiegħed jikkonsidra kif jista' jiffaċilita l-operat kontinwu tan-negozju li qiegħed jiġi rriorganizzat jew illikwidat billi jiżgura aċċess kontinwu għal fondi.

Fl-aħħar nett, kwalunkwe riskju li miżuri ta' risoluzzjoni jkunu jistgħu sussegwentament jinħallu permezz ta' kontestazzjoni legali jista' serjament jirrestriġi r-rieda ta' entitajiet mis-settur privat li jinvestu fix-xiri ta' assi jew akkwiżizzjoni ta' bank f'diffikultà jew parti minnu. Qafas li jagħti ċertezza legali dwar il-miżuri meħuda għalhekk x'aktarx li jiffaċilita s-soluzzjonijiet mis-settur privat.

<u>*Kondiviżjoni tal-piżijiet*</u>

[24] Il-Grupp ta' Ħidma V tal-UNCITRAL - Il-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi Internazzjonali tal-Kummerċ.

Kif uriet biċ-ċar l-esperjenza reċenti, soluzzjonijiet mis-settur privat mhux dejjem ikunu disponibbli. Għalhekk hija meħtieġa ħidma intensa biex jiġu żviluppati prinċipji li jistipulaw kif għandhom jinqasmu l-piżijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri fejn ġew applikati miżuri ta' risoluzzjoni fuq grupp bankarju transkonfinali. Jenħtieġ progress urġenti u rapidu biex jiġu stabbiliti obbligi ċari bejn l-Istati Membri għall-kondiviżjoni ndaqs tal-kostijiet fiskali ta' kwalunkwe risoluzzjoni bħal din[25]. L-importanza ta' progress konkret f'din il-kwistjoni ma jistax jiġi sottovalutat. Għadu mhux mixtieq f'dan l-istadju li wieħed jipprova jiddefinixxi formuli *ex ante* preċiżi għad-distribuzzjoni tal-kostijiet involuti f'ħidmiet ta' salvataġġ pubbliku transkonfinali. Madankollu, l-Istati Membri għandhom ikunu jafu jekk, fil-prinċipju, jintalbu jikkontribwixxu, kif ser tiġi organizzata din il-kondiviżjoni tal-piż u min għandu jkun responsabbli biex jagħti bidu għad-diskussjonijiet dwar il-kondiviżjoni tal-piż u min għandu jikkoordina dawn id-diskussjonijiet[26]. Minn barra dan, għandhom jiġu kkunsidrati drittijiet reċiproċi - f'termini ta' aċċess għal dejta eċċ. - għal kwalunkwe Stat Membru li jaċċetta l-obbligu li jaqsam l-piż. Arranġament *ex-ante* li jistipula l-prinċipji tal-kondiviżjoni ġusta tal-piż huwa "xibka ta' sikurezza" li jiżgura li l-awtoritajiet involuti jkollhom l-inċentivi neċessarji biex jikkooperaw taħt qafas tal-prevenzjoni tal-kriżijiet u r-risoluzzjoni. In-nuqqas ta' progress f'dan il-qasam jirriskja li jpoġġi l-prinċipji fundamentali tat-Trattat tal-libertà tal-istabbiliment u s-servizzi u l-moviment ħieles tal-kapital taħt pressjoni intollerabbli.

X'inhu l-aħjar mod biex jiġi żgurat il-finanzjament transkonfinali ta' miżuri ta' risoluzzjoni bankarja? X'inhu r-rwol tal-finanzjament speċifiku mis-settur privat?

L-istabbiliment ta' arranġamenti ex-ante għall-finanzjament tal-kriżijiet huwa prattiku? Jekk le, is-soluzzjonijiet mis-settur privat kif jistgħu jindirizzaw bl-aħjar mod din il-kwistjoni? Hemm lok li tintlaħaq aktar ċarezza dwar il-kondiviżjoni tal-piż? Jekk iva, l-ewwel prijorità għandha tkun li jiġu ddefiniti prinċipji għall-kondiviżjoni tal-piż?

5. INSOLVENZA

Fil-preżent, kwalunkwe likwidazzjoni fil-kuntest ta' risoluzzjoni neċessarjament titwettaq skont il-proċeduri nazzjonali tal-insolvenza, u kwalunkwe koordinazzjoni tiddependi fuq il-kooperazzjoni volontarja bejn l-awtoritajiet u l-uffiċjali nazzjonali differenti tal-insolvenza.[27] Kooperazzjoni bejn awtoritajiet nazzjonali tal-insolvenza ta' spiss tkun skomda u imperfetta, u

---

25 Rapport reċenti tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju rrakkomanda li l-qafas tal-UE għall-istabbiltà finanzjarja għandu jinkludi arranġamenti volontarji *ex-ante* għall-kondiviżjoni tal-piż fir-rigward ta' gruppi finanzjarji transkonfinali, megħjuna minn termini ta' referenza li japplikaw madwar l-UE kollha, bil-gruppi tal-istabbiltà transkonfinali li għadhom kif ġew stabbiliti jkollhom rwol ewlieni fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħhom (Tagħlimiet mill-kriżi finanzjarja għall-arranġamenti tal-istabbiltà finanzjarja Ewropea, il-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli tal-KEF dwar Arranġamenti ta' Stabbiltà Finanzjarja Transkonfinali, Lulju 2008).

26 Dawn il-miżuri għandhom, ovvjamnet, jikkonformaw mar-regoli tal-Għajnuna Statali.

27 Id-Direttiva 2001/24/KE fuq ir-Riorganizzazzjoni u l-Istralċ ta' Istituzzjonijiet ta' Kreditu tipprojbixxi l-applikazjoni ta' miżuri separati ta' insolvenza fuq fergħat taħt il-liġi tal-Istat ospitanti. Tiżgura r-rikonnoxximent reċiproku u l-koordinazzjoni ta' proċeduri taħt il-kontroll tal-pajjiż tad-domiċilju, timponi approċċ abbażi ta' entità unika li bih l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-bank prinċipali fi ħdan grupp u l-fergħat barranin tiegħu jiġu riorganizzati jew marbuta bħala entità legali waħda, ħlief għall-eċċezzjonijiet speċifikati fid-Direttiva, skont il-liġi tal-Istat tad-domiċilju. Madankollu, din id-direttiva ma tipprovdix għall-konsolidazzjoni tal-proċedimenti tal-insolvenza għal entitajiet legali separati fi ħdan grupp bankarju u ma tagħmel l-ebda sforz biex tarmonizza l-liġi nazzjonali tal-insolvenza.

ma tistax tindirizza b'mod effikaċi l-konglomerati finanzjarji, l-istrutturi internazzjonali ta' parteċipazzjoni u l-organizzazzjoni ta' gruppi finanzjarji skont linji ta' negozju.[28]

Għalhekk, bħala minimu, qafas tal-UE għar-risoluzzjoni bankarja għandu jkun sostnut, minn qafas vinkolanti għall-kooperazzjoni u l-iskambju tal-infomazzjoni bejn il-qrati u l-professjonisti tal-insolvenza responsabbli minn proċedimenti marbuta ma' entitajiet affiljati fi grupp bankarju. Alternattivi oħra li jistgħu jiġu esplorati jinkludu dispożizzjoni għall-koordinazzjoni tal-proċedimenti nazzjonali minn 'amministratur gwida'.

Trattament integrat tal-gruppi tal-korporazzjonijiet

Madankollu jista' jkun mixtieq li wieħed imur lil hinn fil-faċilitazzjoni ta' trattament aktar integrat ta' gruppi ta' korporazzjonijiet f'insolvenza. Dan jista' jinvolvi - f'ċirkustanzi speċifikati b'mod ċar - li l-grupp jiġi trattat bħala intrapriża unika sabiex jingħelbu l-ineffikaċji u l-inġustizzji pereċepiti fl-approċċ tradizzjonali tal-entità unika. Filwaqt li tekniki biex jinkiseb dan huma disponibbli f'xi liġijiet nazzjonali, l-applikazzjoni tagħhom hija neċessarjament ristretta għal entitajiet fl-istess ġuriżdizzjoni, u soġġetti għall-istess sistema ta' insolvenza. Jekk miżuri simili jiġu żviluppati għall-użu fil-proċedimenti ta' insolvenza għal gruppi bankarji transkonfinali, ikun meħtieġ li tiġi indirizzata l-eżistenza ta' sistemi differenti tal-insolvenza - b'regoli sustantivi differenti dwar, pereżempju s-setgħat ta' prijorità u evitar.

Sistema armonizzata tal-UE għall-insolvenza tal-banek

Tekniki għal trattament aktar integrat ta' gruppi f'insolvenza jistgħu jgħinu biex jiġu indirizzati xi wħud mill-inugwaljanzi li jistgħu jinħolqu mill-istralċ, abbażi ta' entitajiet separati, ta' gruppi bankarji integrati ħafna. Hemm korp dejjem jikber ta' opinjoni akkademika u professjonali li tissuġġerixxi li insolvenza abbażi ta' entitajiet separati ma tistax tindirizza sew strutturi komplessi ta' korporazzjonijiet minn fejn ma ssegwix funzjoni, u li issa hemm bżonn ta' ħidma internazzjonali għall-armonizzazzjoni tar-regoli tal-insolvenza. Mingħajr din l-armonizzazzjoni, ser jibqa' diffiċli wisq li jiġi risstrutturat grupp bankarju transkonfinali.

Id-diffikultà u s-sensittività ta' din il-ħidma ma għandhomx jiġu sottovalutati. Il-liġi tal-insolvenza hija marbuta mill-qrib ma' oqsma oħra tal-liġi nazzjonali bħal mhi l-liġi tal-proprjetà, il-liġi tal-kuntratti u kummerċjali, u r-regoli tal-prijorità jistgħu jirriflettu l-politika soċjali. L-akkomodazzjoni ta' kunċetti nazzjonali partikolari bħal "trusts" jew "imposti varjabbli" f'kodiċi unifikat ser tkun biċċa xogħol iebsa.

Proġett bħal dan jista' jieħu l-forma ta' sistema separata u awtokontenuta ta' insolvenza li tkun disponibbli, u tieħu post is-sistemi nazzjonali l-oħra li li kieku jkunu japplikaw, għar-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' gruppi bankarji transkonfinali fl-UE. Din is-sistema tkun biss tindirizza bis-sħiħ il-problemi assoċjati mal-approċċ abbażi ta' entitajiet separati skont il-liġi nazzjonali tal-insolvenza jekk tippermetti trattament integrat tal-entitajiet tal-grupp. Tkun meħtieġa attenzjoni speċjali għall-applikazzjoni ta' din is-sistema u kemm għandha tkun fakultattiva - jekk tkun - għal gruppi bankarji transkonfinali ta' importanza għas-sistema. Kwalunkwe impożizzjoni ta' sistema ġdida tal-UE għall-insolvenza fuq entitajiet li diġà jeżistu toħloq problemi tranżitorji, fosthom l-impatt fuq il-krediturі u l-kontopartijiet.

---

[28] L-insolvenza komplessa u mtawwla tal-Lehman Brothers hija eżempju ċar tad-diffikultajiet affrontati mill-amministraturi fi proċedimneti komplessi tal-istralċ.

Huwa meħtieġ qafas aktar integrat għall-insolvenza ta' gruppi bankarji? Jekk iva, kif għandu jkun imfassal?

Għandu jkun hemm sistema separata u awtokontenuta għall-insolvenza ta' banek transkonfinali?

6. SEGWITU

Il-Kummissjoni tistieden kemm opinjonijiet ġenerali kif ukoll kummenti dettaljati fuq il-kwistjonijiet diskussi f'din il-Komunikazzjoni sal-20 ta' Jannar 2010. Mistoqsijiet dettaljati dwar il-kwistjonijiet imqajma f'din il-Komunikazzjoni, flimkien ma' mistoqsijiet speċifiċi jinstabu fid-dokument ta' ħidma tal-persunal anċillari.

Il-Kummissjoni qiegħda tippjana li torganizza smiegħ pubbliku fil-bidu tal-2010 sabiex tippreżenta r-riżultati tal-konsultazzjoni u tistipula kif bi ħsiebha tipproċedi. Dan ser jitqies fit-tħejjija tal-pjan ġenerali tal-inizjattivi ta' segwitu fl-oqsma tal-intervent bikri, ir-risoluzzjoni u l-insolvenza sabiex jinbena qafas tal-immaniġġjar tal-krizijiet li jkun jiżgura li, fil-futur, l-awtoritajiet kompetenti kollha jikkoordinaw b'mod effikaċi l-azzjonijiet tagħhom u jkollhom l-għodod xierqa biex jintervjenu malajr ħalli jimmaniġġjaw il-falliment ta' bank.